# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 16 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 30.**
**Citazz. Nru. 1797/00 JRM.**

**AIR MALTA p.l.c.**

**vs**

**SLIEMA WANDERERS Football Club.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' attrici ghaddiet diversi biljetti tal-ajru lill-Club konvenut ghal liema konsenja l-istess Club konvenut ghandu jhallas is-somma ta' erbat elef hames mija u sittax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm4516.08);

Illi l-Club konvenut nonostante li gie interpellat ufficcjalment biex ihallas baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispens tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-Club konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef hames mija u sittax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm4516.08) prezz ta' biljetterija tal-ajru lilu mibjugh u kkonsenjat;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-5 ta' Gunju 2000, kontra l-Club konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirruzulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** illi kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-Club konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-

somma ta' erbat elef hames mija u sittax-il lira Maltija u tmien centezmi (Lm4516.08) prezz ta' biljetterija tal-ajru lilu mibjugh u kkonsenjat u bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-5 ta' Gunju 2000, kontra l-Club konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**16, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16, ta' Novembru, 2000.**